**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 222/14 AL

**A F B [Passaport Ingliz Numru 519976848]**
**vs**
**Avukat Dr Leontine Calleja u PL Nadine Farrugia b'digriet tad-9 ta' Jannar 2015 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima, mil-liema relazzjoni twieldu zewgt itfal, R D li twieled gewwa Kent, l-Ingilterra fl-10 ta' Mejju 2009 u Y D li twieldet gewwa Kent, l-Ingilterra fit-30 ta' Awwissu 2010, bhalma jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri hawn taht annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B rispettivament;
2. Illi ghalkemm ir-relazzjoni tal-partijiet kienet wahda inizjalment minghajr problemi, hekk kif ir-rikorrenti inqabet tqila b'binha R, l-intimat beda jsir aggressiv u vjolenti

fizikament kontra r-rikorrenti u dana peress illi l-istess intimat beda frekwentement jabbuza sia mill-alcohol u mid-droga;

3. Illi s-sevizzji u ingurji da parti ta' l-intimat kontra r-rikorrenti komplew anki wara t-twelid tat-tifel R, u tant kienet gravi s-sitwazzjoni illi kellhom jintervjenu l-Pulizija gewwa Kent, l-Ingilterra sabiex jipprotegu lir-rikorrenti u lit-tifel taghha. F'dak il-perjodu ir-rikorrenti giet Malta ghal 3 xhur biex toqoghod ghand il-genituri taghha illi ilhom jirrisjedu Malta ghal diversi snin u dana peress illi m'ghandha l-ebda familjari li setghet tirrikorri ghall-ghajnuna ghandhom gewwa l-Ingilterra, izda l-intimat irnexxielu jikkonvinci lir-rikorrenti terga' tirritorna l-Ingilterra sabiex jippruvaw jirrangaw s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Dan kien kollu ghalxejn peress illi ftit xhur wara, meta ir-rikorrenti inqabdet tqila bit-tieni wild taghha, Y, l-affarijiet marru hafna ghall-aghar u l-vjolenza da parti ta' l-intimat fil-konfront taghha aggravat ruhha aktar, bhalma anki aggravaw il-vizzji tieghu tad-droga u alkohol;
4. Illi l-intimat qatt ma wera interess fil-konfront tat-tfal tieghu, qatt ma pprovda ghalihom finanzjarjament anzi ir-rikorrenti tirrileva illi l-intimat hallieha minghajr flus u anki serqilha credit cards u gibdilha l-flus kollha mill-kontijiet bankarji personali, tant li kellha tirrikorri ghand hbieb taghha biex isellfuha l-flus sabiex tkun tista' tghajjex lit-tfal taghha sakemm regghet bdiet tahdem;
5. Illi kemm-il darba it-tfal assistew ghall-episodji ta' aggressjoni u vjolenza inwettqa fuq il-persuna ta' ommhom ir-rikorrenti mill-intimat, inkluz aggressjoni b'armi bil-ponta u kemm-il darba spicca it-tifel R jintefa' fuq ommu iwerzaq u jibki u jimplora lil missieru biex jieqaf jaghti lil ommu. Dan kollu affetwa hafna hazin lit-tifel il-kbir R illi biddel it-temperament tieghu u beda anke hu jsir aggressiv minhabba l-vjolenza illi kien qieghed jesponih ghaliha missieru. It-tifel fil-fatt beda anki jiggieled u jidghi gja mill-eta tenera ta' sena, sentejn, u l-familjari tal-intimat kienu jinkoragixxu lill-minuri R f'dan l-attegjament hazin tieghu;
6. Illi ghal habta ta' Frar tas-sena 2012, l-intimat hebb ghat-tifel minuri R li kellu kwazi tlett snin, meta ghaliex ghamel

xi haga hazina, minflok ma kkorregih, qabad lil ibnu minn ghonqu u sabbtu mal-hajt. Ir-rikorrenti meta rat dan irrejalizzat illi ma kienx la fl-interess taghha u wisq anqas fl-interess ta' uliedha illi tibqa' tghix ma' l-intimat u ghaldaqstant ghal darb'ohra ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji sabiex tigi tghix permanentement gewwa Malta fir-residenza tal-genituri taghha u dan biex tipprovdi darba ghal dejjem ghas-sigurta taghha u ta' uliedha;

7. Illi ghalkemm l-intimat jaf illi r-rikorrenti qeghdha Malta bit-tfal, huwa qatt ma ta kas ta' xejn, baqa' ghaddej bil-hajja tieghu u lanqas kuntatt ma' uliedu ma ghandu. Hija r-rikorrenti biss illi tipprovdi ghal uliedha;
8. Illi kemm ilhom jirrisjedu Malta it-tfal minuri hadu r-ruh u dana peress illi bl-ghajnuna u b'tant kura da parti ta' ommhom, ir-rikorrenti irnexxielha terga' iggib lil binha fit-triq it-tajba u llum huwa tifel normali u kuntent, m'ghadux aktar aggressiv u jaf illi dak li kien jaghmel meta kien zghir kien hazin. It-tfal minuri ihobbu hafna lil ommhom u ma joqoghdux minghajrha, u kemm ilhom 'il boghod minn missierhom, qeghdin finalment jghixu hajja normali u stabbli bhal tfal normali ohra u huma mdawwrin b'tant ghozza u mhabba minn ommhom u l-familjari kollha taghha. It-tfal integraw ruhhom sewwa fis-socjeta Maltija u qed jmorru ukoll tajjeb ferm fl-edukazzjoni taghhom;
9. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti tixtieq tistabilixxi r-residenza permanenti u abitwali taghha u tat-tfal minuri taghha gewwa Malta sabiex tkun tista' trabbihom idonejament, u ghaldaqstant ghandha bzonn illi tinghata l-kura u l-kustodja tat-tfal taghha esklussivament u dan sabiex tkun tista' tiehu dawk id-decizjonijiet kollha mehtiega fl-ahjar interess taghhom bid-drittijiet u bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorita tal-genitur skond il-ligi wahedha minghajr in-necessita ta' l-approvazzjoni u/jew il-kunsens tal-missier intimat;
10. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet datat 4 ta' Awwissu 2014, kopja legali tad-digriet hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok.C;

Talbet ghar-ragunijiet fuq premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti necessarji u opportuni:

1. Taffida u takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri R D u Y D esklussivament f'idejn ir-rikorrenti ommhom A F B, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluz il-hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed mir-rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn ta' l-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens ta' l-intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u PL Nadine Farrugia, li *in forza* taghha huma eccepew:

1. Illi l-esponenti m'hijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat stante li r-rikorrenti ddikjarat li ma tafx fejn qieghed jirrisjedi l-konvenut u ghalhekk qeghda tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti;
2. Illi l-esponenti tirriserva illi tissottometti risposta ulterjuri aktar tard, f'kaz li jirrizultaw matul il-kawza;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghda tigi ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Nadine Farrugia;
Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu hatret lil Dr. Caroline Farrugia Frendo bhala perit legali, bis-soliti fakoltajiet;

Rat illi Dr. Farrugia Frendo rritornat l-inkartament lill-Qorti ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta` dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustodja tal-minuri R u Y D, fejn min-naha taghha l-attrici tikkontendi li ghandha tigi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri, *stante* li l-konvenut qatt ma wera interess fil-minuri b'dan li abbanduna lill-istess minuri u peress ukoll li l-konvenut ma hux persuna affidabbli peress li jaghmel uzu mid-droga u huwa vjolenti.

Il-kuraturi deputati, msejha biex jirraprezentaw lill-konvenut assenti, eccepew li ma humiex edotti mill-fatti u irriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri jekk jaghmlu kuntatt mal-konvenut.

**<u>Verzjoni ta' l-attrici</u>**

L-attrici tixhed permezz t'affidavit[1] dettaljat u fih taghti stampa cara tal-hajja li ghexet mal-konvenut. Hija bdiet ir-relazzjoni mieghu meta kien ghad kellha tmintax-il sena biss u fis-sena 2006 kellha twaqqaf din ir-relazzjoni ghaliex il-familja taghha kienu se jitilqu mir-Renju Unit biex jigu jghixu Malta ghal dejjem, madanakollu l-attrici irritornat lura pajjizha u b'hekk regghet bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut. Meta nqabdet tqila bl-ewwel tarbija R, l-attrici marret tghix mal-genituri tal-konvenut fit-tqala u hemmhekk beda l-inwkiet fir-relazzjoni ta' bejniethom. Dan peress li l-konvenut beda jqatta' hafna hin barra fil-hwienet tax-

[1] Ezebit a fol 45 tal-process

xorb jixrob u anke jiehu d-droga fil-presenza ta' l-attrici. Il-konvenut kien jitlaq ghal granet shah, b'dan li l-attrici ma setghetx tikkomunika mieghu. Meta kien jirritorna d-dar, kien isir vjolenti fil-konfront taghha, tant li darba meta kienet ghadha tqila, l-konvenut beda jtiha kemm jiflah b'manku ta' mannara, tant li omm il-konvenut kellha tiehu lill-attrici l-isptar. Meta l-minuri R kellu biss tlett xhur, il-konvenut rega' beda jsir fizikament vjolenti ma' l-attrici, hija cemplet lil ommha f'Malta u ommha baghtet il-habiba taghha u bl-ghajnuna tal-pulizija li arrestaw lill-konvenut. L-attrici hadet il-passaporti u giet Malta u ghamlet tlett xhur tghix Malta. Izda l-konvenut beda jcemplilha u jsaqsiha biex tahfirlu u l-attrici regghet marret lura f'pajjizha mal-konvenut u malajr regghet inqabdet tqila bit-tieni tarbija Y, madanakollu l-konvenut rega' beda jabbuza verbalment lill-attrici, jobzoq fuqha u jheddidha li se jweggaghha. L-attrici bdiet tinnota li l-konvenut beda jisirqilha l-flus biex izomm il-vizzju li kellu tal-alkohol u baqa' jqatta hafna hin barra fil-hwienet tax-xorb. Fir-rigward it-tfal, l-attrici kompliet taghmel kollox wahedha minghajr ghajnuna ta' xejn u minghajr manteniment minghand il-konvenut. L-attrici tghid li fis-sena 2011 bdiet taqa' f'dipressjoni, u kienet qed tara li l-konvenut beda jerfa' jdejh fuq il-minuri R li kellu biss sentejn. Fil-bidu tas-sena 2012, l-attrici nizlet Malta b'uliedha t-tnejn u l-konvenut ma kellux interess fil-minuri ghaliex wera lill-attrici li kien kuntent li telqet. L-attrici ilha ma tisma' mill-konvenut sa minn Lulju 2012 u f'dawn is-snin qatt ma prova jmantni jew jghin lill-attrici ghall-ulied minuri. Finalment l-attrici tghid li thossha kuntenta f'Malta u li l-minuri ghamlu progress kemm ilhom jghixu hawnhekk fl-assenza ta' missierhom il-konvenut.

**<u>Verzjoni konvenut</u>**

Illi din il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-konvenut.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Illi tixhed Lynette B li tigi omm l-attrici, permezz t'affidavit[2]. Hija tghid li qatt ma kienet kuntenta bir-relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut u dan peress li l-partijiet kienu ta' spiss jisseparaw minn xulxin u kienet tara li l-konvenut kien agressiv fil-konfront ta' l-attrici, u dan peress li kellu kontroll assolut fuqha. Hija tiftakar episodju meta l-attrici giet aggredita fizikament mill-konvenut, episodju li gara quddiem ghajnejha quddiem id-dar taghha, tant li harget biex twaqqaf lill-konvenut. Hija tghid li wahda mir-ragunijiet ghalfejn gew jghixu Malta kienet biex l-attrici terga' tibda tibni hajja mill-gdid u tkun il-boghod mill-konvenut u meta telqet lura, x-xhud dejjem ghexet fil-biza, ghax dejjem tahseb li se jigri xi haga lil bintha. Hija ssemmi wkoll l-episodju meta rceviet telefonata minghand bintha tghidilha li kienet giet aggredita mill-konvenut, b'dan illi l-attrici irritornat Malta, izda l-attrici ma damitx ghaliex regghet marret tinghaqad mal-konvenut. Ix-xhud tkompli tghid li kemm ilha Malta l-attrici, l-minuri saru iktar kalmi u mexjin il-quddiem.

Tixhed ukoll in-nanna ta' l-attrici Edith May B permezz t'affidavit[3], u tikkorrobora dak kollu li tghid l-attrici u x-xhud, omm l-attrici u tghid li r-relazzjoni bejn il-partijiet qatt ma kienet serena, tant li kemm damet l-attrici fir-Renju Unit minghajr familtha, kemm il-darba kienet titlaq lill-konvenut u tmur ghandha. Mill-bqija, tikkonferma dak kollu li qalet l-attrici u ommha Lynette B.

Tixhed ukoll oht l-attrici Francesca B permezz t'affidavit[4] u tikkorrobora dak kollu li tghid l-attrici, x-xhud Lynette B u n-nanna taghhom Edith may B, izda zzid li bdiet tinnota li minn meta l-attrici bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut, inbidlet minn

---

[2] Ezebit a fol 52 tal-process

[3] Ezebit a fol 55 tal-process

[4] Ezebit a fol 57 tal-process

persuna ferhana ghal persuna imdejqa u depressa. Tikkonferma wkoll li kemm ilhom Malta, t-tfal ta' l-attrici qed jaghmlu progress kbir.

Jixhed ukoll Renzo Galea[5] li huwa s-surmast ta' Maria Regina College Naxxar Primary. Huwa jikkonferma li l-minuri R u Y imorru fl-iskola tieghu, u qabel kienu jmorru c-Chiswick. Hu jghid li t-tfal jattendu skola normali u ma ghandhomx problema fuq it-tfal, huma jissocjalizzaw tajjeb hafna ma' tfal ohra, minkejja li jitkellmu primarjament bl-Ingliz.

Xehed ukoll Joe Balzan[6] li huwa *Senior Leader Recruitment and Training* fl-iskola *Chiswick House School* u jghid li l-minuri R u Y kienu jmorru l-iskola hemmhekk.

Tixhed ukoll Benedine Mizzi[7] u tghid li R u Y D kienu jattendu c-Chiswick House School sa Dicembru 2014 u l-minuri dejjem mxew tajjeb u marru tajjeb fl-iskola u meta kien ikun hemm bzonn ta' xi haga, l-omm u cioe' l-attrici kienet mill-ewwel taghmel kuntatt maghhom.

Il-Qorti rat is-segwenti dokumenti :

Dok BM1 sa Dok BM 4[8] huma rapporti ta' l-iskola Chiswick House School fuq il-progress tal-minuri;
Dok RG1[9] huwa kopja tar-registrazzjoni tal-minuri Y ghall-iskola tal-primarja tan-Naxxar,
Dok RG2[10] huwa rapport ta' l-ghalliema ta' Y,
Rok RG3[11] huwa dokument li juri l-attendenza tal-minuri,

---

[5] A fol 66 tal-process
[6] ibid 5
[7] A fol 68 tal-process
[8] A fol 73 sa fol 80 tal-process
[9] A fol 81 sa fol 88 tal-process
[10] A fol 89 tal-process

Dok RG4[12] huwa kopja tar-registrazzjoni tal-minuri R ghall-iskola tal-primarja tan-Naxxar,
Dok RG5[13] huwa l-rapport ta' l-ghalliema ta' R,
Dok RG6[14] huwa dokument li juri l-attendenza tal-minuri.

**Dwar il-Kura u l-Kustodja**

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[15] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[16] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[17] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

Il-qorti f'dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita' lill-attrici, fin-nuqqas ta' prova kontrarja tal-konvenut, u hija uriet kemm verament qieghda tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibbli. Dan hu kkonfermat mix-xhieda u bil-provi dokumentarji li ipprezentat u dan peress li minn meta giet Malta, anke minn dak li jidher mir-rapporti tal-ghalliema tal-minuri, l-minuri huma mharsin tajjeb u sejrin tajjeb fl-iskola. Tali agir juri mhux biss sens ta' maturita' izda wkoll sens li l-attrici kapaci tpoggi l-interessi tat-tfal qabel taghha.

---

[11] A fol 90 sa fol 93 tal-process
[12] A fol 94 sa fol 101 tal-process
[13] A fol 102 tal-process
[14] A fol 103 sa fol 106 tal-process
[15] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[16] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[17] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Min-naha tieghu, il-konvenut jidher li m’ghandu ebda interess fil-minuri, tant li ghalkemm konsapevoli li l-attrici tghix ma’ uliedhom hawn Malta, huwa ilu ma jaghmel kuntatt maghha sa minn Lulju 2012. L-episodji ta’ vjolenza li semmi l-attrici, l-iktar dawk meta il-konvenut kien ikun agressiv maghha u meta l-minuri R kien jipprova ta’ l-eta tenera jiddefendi lill-ommu, R spicca wkoll vittma ta’ vjolenza tal-konvenut, dawn l-episodji certament jirrendu l-konvenut bhala persuna li m’hix idoneja biex tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri, anke jekk b’mod kongunt ma’ l-attrici. Missier li lanqas ma jrid kuntatt ma’ uliedu, kemm b’mod dirett jew indirett, m’ghandux ikollu d-dritt li jippregudika l-hajja ta’ uliedu. Iktar u iktar meta huwa persuna vjolenti u qatt m’ghamel xejn biex jipprova jirranga s-sitwazzjoni tieghu mal-attrici u uliedhom. Min-naha l-ohra, l-fatt li l-konvenut m’ghandux interess f’uliedu ma jfissrix awtomatikament li l-minuri ghandhom ikunu fdati f’idejn l-omm. Irid jigi accertat li dan ikun fl-ahjar interessi tal-minuri.

Irrizulta mill-provi esebiti kif ukoll mill-fatt li l-attrici ilha tiehu hsieb lill-minuri minn mindu twieldu, dejjem rat l-ahjar interessi taghhom u qeghda taghtihom ambjent tajjeb fejn jitrabbew, tant li jidher mill-progress li t-tfal qed jaghmlu fl-iskola fejn jattendu. Dan iwassal lil din l-istess qorti sabiex minghajr ebda dubju, tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tat-tfal R D u Y D tigi fdata b’mod esklussiv f’idejn l-attrici. Dan ifisser li ghandha tkun l-istess attrici li b’mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-konvenut mhux fil-hajja tal-istess minuri.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ t-talba attrici u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri R D u Y D f’idejn l-attrici, b’dan illi kwalsijasi

decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluz il-hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri ghandha tittiehed mill-attrici wahedha b'mod esklussiv, minghajr il-bzonn ta' l-awtorizzazzjoni jew kunsens tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, b'dan illi l-attrici ghandha, provvizorjament, thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati.